# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

26 ta' Frar, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 10

10.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 09 – 9;
10.3 Rapport ta’ kull kwart Jannar – Diċembru 2019 (Kwart 4);
10.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2019 (*Unaudited*);
10.5 L-Estimi Annwali 2020;
10.6 Komunikazzjoni mis-Sindku;
10.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
10.8 Mozzjoni 01/2020 - Shelters fil-Pjazza Santa Margerita;
10.9 Komunikazzjoni;
10.10 Traffic Management f’ Ta’ Sannat – Data għal laqgħa mar-residenti;
10.11 Jum Sannat 2020;
10.12 Ilmenti u Suġġerimenti;
10.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 2/2020;
10.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

### 10 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 9 - 9

10.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 9 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 10.3 Rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2019 (Kwart 4)

10.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din il-laqgħa stieden u ntalbet tattendi l-Accountant tal-Kunsill biex tispjega dan ir-rapport u rapporti oħra li jinsabu fl-Aġenda tal-lum. Dan ir-rapport kien intbgħat permezz tal-imejl lill-Kunsillieri. Dan ġie spjegat mill-Accountant u wara li ġie approvat mill-Kunsill ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 10.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2019 *(Unaudited)*

10.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex l-Accountant tispjega, r-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2019 fejn għalkemm il-Kunsill għandu d-dejn ikkontrollat fuq il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv u fuq xi toroq, din is-sena l-Kunsill qed b'surplus bl-ammont ta' €671. Wara li dan ir-rapport ġie moqri u spjegat fid-dettal mill-Accountant, dan ġie approvat unanimament mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport biex jintbgħat fil-ħin lill-Awditur, lill-Awditur Ġenerali u lid-Direttur – Moniteraġġ u Sapport, Dipartiment għall-Gvern Lokali.

### 10.5 L-Estimi Annwali 2020

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa talab lill-Kunsill biex l-Accountant tispjega l-Estemi Annwali 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex nimxu kemm jista jkun ma dan il-baġit. Il-Kunsill qabel ma dan u dan ġie approvat. Il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant tax-xogħol u l-pariri tagħha u wara din ħalliet il-kamra tal-laqgħat biex titkompla din il-laqgħa.

### 10.6 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel fil-ġimgħa tal-festa titulari, fejn din l-materja tista tgħid li ġiet diskussa dejjem f'dawn il-laqgħat kemm ilu mwaqqaf dan il-Kunsill biex dak li kien isir tradizzjonalment jibqa jsir u kif jaf il-Kunsill intalbet laqgħa mall-Onor. Byron Camilleri - Ministru għal-Intern, is-Sigurta Nazzjonali u l-Infurzar tal-

Liġi. Għal din it-talba l-Kunsill għadu qed jistenna data tal-appuntament. Fuq dan is-suggett tkellem mall-Ministru għal Għawdex u hu qal li lest li jgħin. Hu qal li jrid jispjega sew x' kien ġara s-sena l-oħra biex din is-sena ssir.

10.6.2 Is-Sindku qal li dwar Triq Sannat tlestew is-servizzi bil-kanni tal-ilma tad-djar u sar l-ittestjar tal-ilma, il-Kuntrattur għadda l-kanni tas-servizzi tal-ilma ġodda kif kien spjegat fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku qal li f'ħin din it-triq se jkollha tingħalaq kompletament biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu liberament u jitnaqqas il-periklu. Dwar dan il-Kuntrattur għandu jħaseb għal traffic management fl-entratura tat-triq kif ukoll madwar il-lokalita'. Is-Sindku qal li wieħed irid jifhem li dan irid isir biex ix-xogħolijiet f'din it-triq jibqa għaddej. Sadanittant il-Kunsill qed jaħdem fuq Sannat Junction u saret ukoll applikazzjoni għal rerooting tas-siġar tal-palm li hemm. Bħalissa għaddejjin il-pajpiejiet tal-water culvert issa x'hin se jaqbżu fi triq 28 ta' April 1688 it-triq trid tingħalaq peress li x-xogħol ta dan il-culvert irid jitkompla u jinsab fin-nofs. In-no entry signs diġa ġew installati. Wara l-Kuntrattur jrid jgħaddi l-katusi ġodda tad-drenaġġ. Għalhekk se jkun hemm aċċess biss minn fuq il-bankina.

10.6.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalbet laqgħa mall-Onor. Clint Camilleri – Ministru għal Għawdex b'din l-Aġenda: Pjazza Santa Margerita, Triq Sannat, Triq Skerla, Triq Saguna, Triq Dun Lazzru Camilleri, Dogs Park u Horse Pool. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellem lis-Segretarja Privata tiegħu u tgħatna appuntament għal nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2020, fil-11.30 a.m. il-Periti konċernati minn dawn il-proġetti ġew ukoll mistiedna jattendu.

10.6.4 Is-Sindku qal li l-Kuntrattur tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej tlesta x-xogħol fuq il-ħitan fi Triq Mġarr ix-Xini u l-Kuntrattur għandu jibda x-xogħolijiet fi Triq Bardan. Is-Sindku qal li se nitlobu lill-Ministeru għal Għawdex biex isiru pilastri tal-konkos u jghalaq bl-injam fejn hemm il-barrieri.

10.6.5 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien ibbenefika mill-iskema li kien ħareġ id-Direttorat Għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy dwar finanzjament ta' Proġett Kapitali għal apparat għal sistemi ta irrigazzjoni fil-Ġnien tal-Bidwi. Dan ix-xogħol qed isir mill-kuntrattur.

10.6.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill applika għall-fondi ewropej biex jekk l-Kunsill jibbenefika jitkompla jisaħħah l-ġemellaġġ ma' Montefiascone. Din l-applikazzjoni hi maħsuba biex nospitaw delegazzjoni minn Montefiascone f'Settembru li ġej. Fit-12 ta' Settembru 2020 se jsir Wine festival b'imbejed tagħhom.

10.6.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li talab lid-Direttur għal health and saftey biex isir kors fil-fire safety.

10.6.8 Is-Sindku ssuġġerixxa biex dan is-sajf isir kors lill-barranin li jgħixu fil-lokalita' dwar it-tgħalim tal-lingwa Maltija.

## 10.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 10.8 Mozzjoni 01/2020 – Shelters fil-Pjazza Santa Margerita

10.8.1 Il-Kunsillier, Clayton Tewma responsabbli mill-kultura u l'integrazzjoni soċjali ssekondat mill-Viċi Sindku qed iressaq din il-Mozzjoni Nru. 01/2020 bi proposta biex jiġu skavati s-shelters li għandna fil-Misraħ ta' Sannat u mill-ġdid jerġgħu jiġu miftuħa għal-pubbliku. Hu qal li kienu bosta residenti li wrew din ix-xewqa u għalhekk peress li hu responsabbli minn dan id-dikasteru ħass l'obbligu li jressaq din il-proposta bil-miktub ħalli ta' bilħaq dawn is-shelters li jiffurmaw parti mill-istorja rikka ta' raħalna jerġgħu jinfetħu għal-pubbliku nġenerali.
Hu qal li dan il-proġett mhux biss se jagħti lok biex inkunu nistgħu napprezzaw mill-ġdid il-ħidma ta' missirijietna Sannatin matul it-tieni gwerra dinija imma se jkun ukoll ta' vetrina turistika.

10.8.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni. Is-Sindku qal mill-ewwel li l-Kunsill minn dejjem qabel li jekk hu possibli dan isir biss il-Kunsill irid jara xi spejjeż hemm. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsillier Tewma jara eżatt xi studju jrid isir dwar dan għaliex wieħed irid jara x'hemm fih dan ix-xelter.

10.8.3 Fis-14.43 p.m. is-Sindku talab li din il-Laqgha tiġi sospiża peress li għall-laqgħa kienu mistiedna jattendu l-Perit tal-Kunsill u l-Avukat ta' Transport Malta biex jiġi diskuss it-Traffic Management minħabba Triq Sannat u dak Ta' Sannat inġenerali.

10.8.4 Fit-3.30 p.m. tkompliet il-laqgħa fejn il-Kunsillieri Bajada u Gauci talbu li jiġu skużati peress li ma setgħux joqgħodu aktar għal din il-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta u kompla bil-laqgħa.

## 10.9 Komunikazzjoni

10.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li t-Trenching Permit Section f' Għawdex staqsew jekk trinka li saret dan l-aħħar fi Triq Dun Luqa, triq b'tarmak ġdid jekk hix aċċettabli li ssir kif indikat f'korrispondenza li ntbgħatet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-permess meta kien intalab kien talab li ssir b'kundizzjonijiet speċifiċi. Il-Kunsill qabel li dan għandu jimxi ma dawn il-kundizzjonijiet.

10.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Gaulitana bgħatu imjel fejn talbu lill-Kunsill biex ikun kollaboratur biex jittella' kunċert bl-isem Kebyart Saxophone Quartet minn Spanja, nhar it-Tlieta 31 ta' Marzu, fis-7.30 p.m., fil-Hotel Ta' Ċenċ. Il-Kunsill ma qabilx li jissieħeb minħabba li matul dan iż-żmien il-Kunsill għandu spejjes b'attivitajiet oħra.

10.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali mid-divizjoni għall-istrateġija u Implimentazzjoni tal-Policy nfurmat li hemm talba għal ġemellaġġ ma Niijima Island – Japan. Il-Kunsill qal li mhux interessat.

10.9.4 Is-Segrtarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li JP2 Foundation talbet il-kollaborazjoni tal-Kunsill biex nhar il-Ġimgħa li ġej 28 ta' Frar 2020, fil-knisja parrokkjali wara l-quddies ta' filgħaxija ssir serata mużika letterarja. Il-Kunsill qabel li jikkolabora għal din is-serata.

10.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li riċenti nżabru s-siġar tal-ficus ta' Triq il-Kbira u dik ta' Triq Marsilja wara li ntalab l-permess mill-ERA. Dan sar bil-għajnuna tad-Dipartiment tal-Argikultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill kera kuntrattur bic-cherrypicker biex seta' jsir dan ix-xogħol.

10.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li jmiss se ssir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2020, fl-uffiċċju tar-Reġjun fis-6.00 p.m. Is-Sindku talab lil Viċi Sindku biex tattendi. Il-Viċi Sindku aċċettat li tattendi.

10.9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva kaxxi bil-pakketti tal-boroż organiċi biex jitqassmu żewġ paketti lil kull household. Il-Kunsill qabel li dan it-tqassim isir mill-ħaddiema li jgħamlu xogħol fuq barra li għandu assenjati miegħu.

10.9.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet u Direttivi mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru SPI 1/2020 - Korsijiet *Lifelong Learning 2020/2021*

10.9.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċir AKL 2020/006 - Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 28
Ċir AKL 2020/007 - Laqgħa tas-Sindki 22/02/20
Ċir AKL 2020/008 - Sessjoni ta' taħriġ fuq l-Evalwazzjoni ta' Tenders 01/04/2020
Ċir AKL 2020/009 - Tqassim ta' Borża Organika mill-Wasteserv
Ċir AKL 2020/010 - #EUSEW2020 Awards: Nominate Women in Energy
12 ta' Frar 2020 - Mayor's Roundtable – Biljetti u Pagament
Ċir AKL 2020/011 - Invitation: "Women in Politics: overcoming the gender gap", 5 March 2020, Brussels, CoR, JDE 51
Ċir AKL 2020/012 - Malta Climate Change Townhall Style Meeting Fri 28 February 2020, 12.00hrs – 16.00hrs Seashells Resort
Ċir AKL 2020/013 - Young Elected Politicians: Call for application – 2020 YEP programme
Ċir AKL 2020/014 - Kalendarju t' Attivitajiet
Ċir AKL 2020/015 - Guidance on Coronavirus

## 10.10 Traffic Management f' Ta' Sannat – Data għal laqgħa mar-residenti

10.10.1 Waqt din il-laqgħa li saret mall-Perit u l-Avukata ta' Transport Malta, l-Kunsill ddiskuta t-traffic management f' Ta' Sannat. Dwar dak fuq Triq Sannat minħabba il-proġett li qed isir fuq din it-triq ġie deċiż li tal-linja tgħaddi mill-Munxar għal Triq il-Kbira u b'hekk terġa ddur bil-kontra u għalhekk intalab biex b'mod temporanju jsiru żebgħa ta' double yellow lines biex ma jsirx parkeġġ f'ċerti inħawi fi Triq il-Kbira fejn il-karozza tal-linja u vetturi kbar isibuha diffiċli biex jgħaddu. Dwar dan lir-residenti għandhom jiġu nfurmati.

10.10.2 Dwar it-traffic management fuq Ta' Sannat kollu, l-Kunsill wara li ħa l-pariri mingħand Transport Malta u l-Perit ntlaħaq ftehim biex l-ewwel isir kwestjonarju biex jitqassam f'kull residenza u l-Kunsill jara x'riżultati jikseb minn dan u wara ssir konsultazzjoni pubblika. Sadanittant il-Kunsill għandu jara minn fejn se jkun jista jakkwista l-fondi biex isir survey għal dan il-għan.

## 10.11 Jum Sannat 2020

10.11.1 Is-Sindku qal li għal Jum Sannat wara li l-Kunsill talab bil-miktub lis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita biex jorganizza kunċert mużikali, s-Segrtarju tas-Soċjeta kiteb lura u ntalbet is-

somma ta' €1200 biex dan ikun jista jsir. Il-Kunsill qabel ma din it-talba. Il-Kunsill talab ukoll lill-Kap tal-iskola biex tintuża s-sala biex nhar is-Sibt 25 ta' April tittella' din l-attivita' ta' Jum Sannat biss il-Kunsill għadu bla risposta mingħand il-Kap. Dwar ir-Rikonoxximent taż-Żgħażugħ/a tas-sena l-Kunsill qabel li jibqa mar-regolamenti tas-sena l-oħra u jingħata premju wieħed biss.

## 10.12 Ilmenti u Suġġerimenti

10.12.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħofra fi Triq il-Kbira. Din il-ħofra ġiet ppeċjata riċentament.

10.12.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward tappiera li mhix imkaħħla sewwa u hi perikuża fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri. Il-Kunsill talab lill-W.S.C. peress li kien sar xi xogħol minnhom biex din tiġi rranġata.

10.12.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħaxix fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan ix-xogħol qed isir mill-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill.

10.12.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħofor fi Triq il-Kalkara tal-Ġir. Dan ix-xogħol għandu jsir.

10.12.5 Il-Kunsill innota li t-tabella li twaħħlet riċenti għat-truck tas-sort it out fi Triq Marziena ġiet nieqsa bil-kanna b'kollox, għalhekk il-Kunsill kellu jordna oħra mill-ġdid u din id-darba twaħħlet mal-ħajt tal-iskola minflok ma kanna.

10.12.6 Il-Kunsill irċieva imejl b'ilment mingħand persuna li żaret il-bajja ta' Imġarr ix-Xini u nnutat li isfel nett fejn hemm il-bankijiet hemm toqba kbira li tagħti għal ġol-baħar. Il-Kunsill qal li din it-toqba ilha hemm snin twal u għandu jitkellem mall-Beaches Section fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar dan.

10.12.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li bagħat email lil W.S.C. rigward trinka fi Triq Bardan. Din it-trinka tqattet mill-W.S.C. u ma ġietx irranġata kif suppost fejn parti minnha tranġat bil-cold asphalt meta din t-triq hija bil-konkos.

10.12.8 Resident minn Ta' Sannat qed jitlob biex l-ilma li hemm fil-ġibjun fi Triq il-Kbira jintuża biss minn residenti Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel li għandu jara kif jista jsir dan. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jnaddaf dan il-ġibjun, imma l-kunsill għandu l-ewwel jara minn fejn jista jġib il-fondi mehtiega għal dan il-proġett.

10.12.9 Individwu talab lill-Kunsill biex bozza fuq arblu li tinsab fi Triq Bardan tiġi spostata fuq arblu ieħor peress li qed isir xogħol ta' kostruzzjoni ta' binja ġdida quddiem din il-bozza. Dwar dan il-Kunsill diġa nforma lill-EneMalta u lill-Kuntrattur tad-Dwal tat-toroq biex japplika mall-ARMS Ltd.

10.12.10 Is-Sindku qal li residenti minn Triq it-Tempju tal-Imramma u minn Triq 28 ta' April 1688 qed jitolbu li jiġi nstallat dogs bin f'kull triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 10.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 2/2020

10.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 2/2020 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 10.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa

10.14.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta’ Marzu 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 30 ta’ Marzu 2020

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv